

31.1.2024

A9-0014/96

**Emenda 96**

**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1a) L-hekk imsejħa Tekniki Ġenomiċi  
Ġodda huma fil-fatt OĠM, peress li huma  
tabilħaqq organiżmi li madankollu huma  
ġenetikament modifikati.**

Or. ga

31.1.2024

A9-0014/97

**Emenda 97**

**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) Ir-reżiljenza u l-adattament fl-ekosistemi agrikoli għandhom jinstabu permezz tal-applikazzjoni ta' prattiki agroekoloġiċi, ir-restawr ta' dawn l-ekosistemi, it-titjib tas-saħħa tal-ħamrija, l-appoġġ lill-bdiewa u l-appoġġ għall-ekonomija rurali. Filwaqt li l-użu ta' għelejjel ġenetikament modifikati, inklużi l-NGTs, jista' jagħti l-impressjoni ta' reżiljenza u adattament, fil-fatt jimmina l-bażi nnifisha tar-reżiljenza tiegħu, billi jinjora kif l-ekosistemi jaħdmu u jorbot lill-bdiewa fi prattiki agrikoli intensivi.**

Or. ga

31.1.2024

A9-0014/98

**Emenda 98**

**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

A9-0014/2024

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(3a) L-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent kienet sinjal lill-komunitajiet tal-biedja tagħna għal tranżizzjoni ġusta lejn sistema tal-ikel ekoloġika u sikura, lil hinn mis-sistema dipendenti mis-sustanzi tossiċi, niġġiesa u intensiva li tiddomina madwar l-Unjoni. Il-Kummissjoni għadha ma adottatx il-proposta mwiegħda għal qafas leġiżlattiv għal sistemi tal-ikel sostenibbli, filwaqt li rressqet malajr proposta leġiżlattiva li tidderegola l-OĠM. Dan huwa pass politiku inġust għall-komunitajiet tal-biedja tagħna u jibgħat sinjal ħażin lill-bdiewa li diġà qed jinvestu fi Prattiki aktar sostenibbli.**

Or. ga

31.1.2024

A9-0014/99

**Emenda 99**

**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3b) Din il-proposta turriskja aktar dominazzjoni tal-kumpaniji multinazzjonali taż-żrieragħ fuq l-aċċess tal-bdiewa għaż-żrieragħ, billi jagħtu privattivi għat-tekniki ta' tniissil u l-outputs tagħhom. Il-korporazzjonijiet il-kbar diġà għandhom monopolju taż-żrieragħ u qed jiksibu aktar kontroll fuq ir-riżorsi naturali bl-esklużjoni tal-bdiewa. Dan qed ineħħi b'mod ċar is-setgħa tal-bdiewa, jagħmilhom dipendenti fuq kumpaniji privati, u jikkomprometti l-bijodiversità.***

Or. ga

31.1.2024

A9-0014/100

**Emenda 100**

**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(4a) Il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent hija legalment obbligata li tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni, kif minqax fl-Artikolu 191 tat-TUE. L-istess artikolu jobbliga l-politika tal-Unjoni f'dan il-qasam biex timmira għal livell għoli ta' protezzjoni. Din il-proposta ma tirrispettax il-prinċipju ta' prekawzjoni billi tissanzjona l-użu tal-hekk imsejħa NGTs meta r-riskji tagħhom ma jkunux magħrufa u jistgħu jkunu katastrofiċi, u timmira b'mod ċar għal livell aktar baxx ta' protezzjoni għall-konsumaturi u l-ambjent, billi tidderegola l-OĠM u tabilħaqq tneħħi r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u t-tikkettar, li huma tant importanti għall-konsumaturi.***

Or. ga

31.1.2024

A9-0014/101

**Emenda 101**

**Mick Wallace, Clare Daly, Anja Hazekamp**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0014/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4b) Jidher ċar li hemm tħassib dwar il-verifika tal-affermazzjonijiet u l-kontrolli tal-kwalità fuq razez ġodda, pereżempju dwar min se jivverifika l-affermazzjonijiet li l-kumpaniji taż-żrieragħ qed jagħmlu dwar iż-żrieragħ NGT tagħhom, bħar-reżistenza għan-nixfa, u kif tista' possibbilment titkejjel ir-rigorożità xjentifika ta' daww l-affermazzjonijiet. Din il-proposta twitti t-triq għal dikjarazzjonijiet foloz u qarrieqa li se jiffaċilitaw il-bejgħ ta' soluzzjonijiet foloz taparsi ta' malajr.*

Or. ga